Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,414, 1 ta' April, 2025

Taqsima B

A.L. 66 tal-2025

ATT DWAR L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (KAP. 552)

Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Estensjoni għall-Validità tal-Permessi ta' Żvilupp

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 83, 84 u 85 tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, il-Ministru responsabbli għall-Awtorità tal-Ippjanar, wara konsultazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Estensjoni għall-Validità tal-Permessi ta' Żvilupp u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar l-Estensjoni għall-Validità tal-Permessi ta' Żvilupp, hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali". L.S. 552.33.

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-kliem "31 ta' Diċembru 2024" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "31 ta' Diċembru 2026";

(b) il-kliem "imġedded bi tliet (3) snin ulterjuri." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "imġedded bi tliet (3) snin ulterjuri:" u minnufih wara għandhom jiġu miżjuda l-provisos ġodda li ġejjin:

" Iżda kwalunkwe permess ta' żvilupp, li skada bejn l-1 ta' Jannar 2023 u d-9 ta' Novembru 2023, iż-żewġ dati inklużi, għandu jitqies validu sal-31 ta' Diċembru 2026:

Iżda wkoll kwalunkwe permess ta' żvilupp li skada bejn l-1 ta' Jannar 2025 u l-1 ta' April 2025, iż-żewġ dati inklużi, għandu jitqies validu sal-31 ta' Diċembru 2028.".